Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Pjazza San Luqa, Guardamangia, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

All the above Medical Stores Tenders can be downloaded from: http://www.health.gov.mt/gps/mst.htm.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services, Pjazza San Luqa, Guardamangia, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

17th June, 2005

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-30 ta' Ġunju 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS-49-05. Provvista u stallazzjoni ta'*mobile fume cupboards* u armarji fejn jinħażnu s-sustanzi kimiċi fl-Iskola Sekondarja l-Ġdida, il-Karwija, u fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet Adelaide Cini, il-Ħamrun.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. FTS-50-05. Provvista u twaħħil ta' poġġamani ta' l-azzar galvanizzat fl-Iskola Sekondarja l-Ġdida, il-Karwija,

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS-48-05. Provvista u stallazzjoni ta' madum tal-gomma għas-sigurtà f'diversi skejjel f'Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. FTS-51-05. Tqegħid ta' kurduni tal-konkos *precast,* kanali, kurduni *precast* u ċangaturi fl-Iskola Sekondarja l-Ġdida tas-Subien, il-Karwija,

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinksibu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni (it-2 Sular, Nru. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, Tel. Nru. 21 340 434, *Fax* Nru. 21 336487) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.00 a.m.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni f'Ta' Xbiex.

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 30th June 2005, for:-

Advt. No. FTS-49-05. Supply and installation of mobile fume cupboards and chemical storage cabinets at the New Secondary School, Karwija, and Adelaide Cini Girls' Secondary School, Ħamrun.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Advt. No. FTS-50-05. Supply and fixing of galvanised steel railings to the new Boys's Secondary School, Karwija.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 1st July, 2005, for:-

Advt. No. FTS-48-05. Supply and installation of safety rubber tiles in various schools, Malta.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Advt. No. FTS-51-05.Laying of precast concrete kerbs, gutters, precast kerbs and paving blocks to the New Boys' Secondary School, Karwija.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices (2nd Floor, No. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. No. 21 340 434, Fax No. 21 336487), on working days between 8.30 a.m. and 11.00 a.m.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at Ta' Xbiex.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali) kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis f'nofsinhar.

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċ jali fi żmien tliet ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), kif jidher fil-klawsola ta' hawn fuq. F'dan ir-rigward dawk kollha li jagħmlu l-offerta għandhom, għalhekk, jiffamiljarizzaw ruħhom ma' dawn id-dispożizzjonijiet ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2003, the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders) every Tuesday and Thursday at noon.

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the above mentioned clause, in this regard all tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

17th June, 2005

ORGANIZZAZZJONI TA' L-EUROCONTROL

L-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tgħarraf illi:-

Sa nhar it-Tnejn, l-4 ta' Lulju, 2005, it-Taqsima tal-*Procurement* u Ftehim Speċjali ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tilqa' offerti għal:–

Avviż Nru. AO/40/CSP/AD/05. Għajnuna għal CSPDU ORD, FTS u *ATM system procurement packages*.

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu sas-27 ta' Awissu, 2005, mingħand Ms Anca Dragomir, Taqsima tal-*Procurement* u Arranġamenti Speċjali, bl-indirizz elettroniku:

anca.dragomir@eurocontrol.it, Tel. Nru. ++322 729.3228, *fax* ++32 2 729.9142,

u mill-*website* ta' l-Organizzazzjoni ta' l-*Eurocontrol*

http://www.eurocontrol.int/business/cfi.html

Is-17 ta' Ġunju, 2005

EUROCONTROL ORGANISATION

The Eurocontrol Organisation:-

Up to Monday, 4th July, 2005, the Procurement and Special Agreements Section of the Eurocontrol Organisation receives offers for:–

Advt. No. AO/40/CSP/AD/05. Support for CSPDU ORD, FTS and ATM system procurement packages.

Forms of tender and further information may be obtained up to the 27th June, 2005, from Ms Anca Dragomir, Procurement and Special Agreements Section, e-mail address:

anca.dragomir@eurocontrol.it, Tel. No. ++322 729.3228, fax ++32 2 729.9142,

and Eurocontrol Organisation's website

http://www.eurocontrol.int/business/cfi.html

17th June, 2005

DIPARTIMENT TAS-SERVIZZI KORRETTIVI

Id-Direttur Servizzi Korrettivi jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 1/05. Provvista u stallazzjoni ta' sistema ta' *air extraction* fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' din l-offerta jinkisbu mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, 22, Triq Valletta, Raħal Ġdid, mit-8.00 a.m. san-12.30 p.m. fuq ħlas ta' Lm10 għal kull set ta' dokumenti.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

DEPARTMENT OF CORRECTIONAL SERVICES

The Director Correctional Services notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 1st July 2005, for:-

Advt. No. 1/05. Supply and installation of an air extraction system at Corradino Correctional Facility.

Forms of tender and further information regarding the conditions of this tender may be obtained from Corradino Correctional Facility, 22, Triq Valletta, Paola, from 8.00 a.m. to 12.30 p.m. against a payment of Lm10 for each set of documents.

17th June, 2005

WASTESERV MALTA LTD.

Iċ-*Chief Executive Officer,* WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, il-5 ta' Lulju, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

*Avviż Nru. WSM/017/2005. Kuntratt perjodiku għall-bejgħ ta' plastik għar-riċiklaġġ.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

*Avviż Nru. WSM/018/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' servizzi ta' *land surveying*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

*Avviż Nru. WSM/019/2005. Bini u tlestija ta' kamra ta' s*ub-station* fil-Kumpless ta' l-Immaniġġar ta' l-Iskart fil-Magħtab.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

*Avviż Nru. WSM/020/2005. Provvista u stallazzjoni ta' sistema ta' *CCTV* fil-Faċilità għall-Ipproċesssar ta' l-Iskart f'Malta u Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

*Avviż Nru. WSM/021/2005. Provvista u stallazzjoni

WASTESERV MALTA LTD.

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Old Railway Track, Santa Venera, by not later than noon on Tuesday, 5th July, 2005, for:–

*Advt. No. WSM/017/2005. Period contract for the sale of plastic for recycling.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

*Advt. No. WSM/018/2005. Period contract for the provision of land surveying services.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

*Advt. No. WSM/019/2005. Construction and finishing of a sub-station room at the Maghtab Waste Management Complex.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

*Advt. No. WSM/020/2005. Supply and installation of CCTV system at Waste Treatment Facilities in Malta and Gozo.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

*Advt. No. WSM/021/2005. Supply and installation of a

ta' tagħmir ta' *low capacity in-vessel composting* fil-WasteServ Malta Ltd.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu flimkien ma' aktar tagħrif meħtieġ mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

low capacity in-vessel composting equipment to WasteServ Malta Ltd.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

*Advertisements appearing for the first time

Forms of tenders may be obtained together with any further information required from the above-mentioned office on any working day between 9.00 a.m. and noon.

17th June, 2005

MINISTERU GĦALL-INVESTIMENT, INDUSTRIJA U TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI

Il-Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni jistieden organizzazzjonijiet interessati u kompetenti biex jibagħtu proposti biex jiżviluppaw u jimplimentaw is-servizz li ġej ta' l-*e-Government:*

Recruitment Portal għas-Settur Pubbliku

Id-dokumenti rispettivi RFP jistgħu jitniżżlu minn: www.miti.gov.mt jew www.doi.gov.mt.

Se ssir laqgħa ta' RFP fl-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, is-27 ta' Ġunju, 2005, fl-*Management Efficiency Unit*, 12, Triq San Pawl, Valletta, VLT 07.

Il-proposti għandhom jinxteħtu fil-Kaxxa ta' l-RFP li tinsab fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, 168, Triq id-Dejqa, Valletta CMR 02, mhux aktar tard mill-10.00 a.m. (ħin lokali) ta' nhar it-Tnejn, it-18 ta' Lulju, 2005. Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

MINISTRY FOR INVESTMENT INDUSTRY AND INFORMATION TECHNOLOGY

The Ministry for Investment, Industry and Information Technology invites interested and competent organisations to submit proposal for the development and implementation of the following e-Government service:

A Recruitment Portal for the Public Sector

The respective RFP documents can be downloaded from www.miti.gov.mt or www.doi.gov.mt.

An RFP briefing will be held on Monday, 27th June 2005 at 10.00 a.m. at the Management Efficiency Unit, 12, Triq San Pawl, Valletta, VLT 07.

Proposals are to be deposited in the RFP Box located at the Ministry for Investment, Industry and Information Technology, 168, Triq id-Dejqa, Valletta CMR 02 by not later than 10.00 a.m. (Malta time), on Monday,18th July, 2005. Late submissions will not be considered.

17th June, 2005

SKOLA SEKONDARJA TAL-BNIET SIR LUIGI PREZIOSI, TRIQ FALAISE, PEMBROKE

Il-Kap, flimkien mal-Kunsill Skolastiku, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Lulju 2005, jintlaqgħu dokumenti ta' l-offerta mimlija kif suppost bissomma offruta miktuba ċar f'*envelope* magħluq provdut mill-iskola u mitfugħa fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola għat-tmexxiija tat-*tuckshop* ta' l-iskola għas-sena skolastika 2005/2006.

Id-dokument ta' l-offerta bil-kundizzjonijiet u l-formola ta' l-offerta fejn għandha titniżżel l-offerta, jista' jinkiseb mill-

SIR LUIGI PREZIOSI GIRLS' SECONDARY SCHOOL, TRIQ FALAISE, PEMBROKE

The Head, together with the School Council, notifies that:-

Tender documents duly filled in and showing clearly the sum offered should be sealed in the envelope provided by the school and deposited in the tender box in the School Head's Office by not later than 10.00 a.m. of Wednesday, 6th July 2005, for the running of the school's tuck shop during the scholastic year 2005/2006.

The tender document containing the conditions and the form on which the offer should be tendered, may be obtained

Uffiċċju tal-Kap matul il-ġranet ta' l-iskola bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

L-offerti li jaslu wara d-data u l-ħin stabbilit għall-għeluq ma jkunux ikkunsidrati.

L-offerti li jaslu jinfetħu fil-preżenza ta' l-offerenti interessati.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

from the Head's Office during school days between 9.00 a.m. and noon.

Tenders received after the closing date and time will not be considered.

Tenders received will be opened in the presence of interested tenderers.

17th June, 2005

KUNSILL LOKALI ISLA

Il-Kunsill Lokali Isla jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, is-27 ta' Ġunju 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-Uffiċċju tal-Kunsill, għal:-

Avviż Nru. PR-4. Xogħlijiet ta' pavimentar u kisi mill-ġdid madwar l-Isla:

Triq iż-Żewġ Mini (kisi mill-ġdid u pavimentar),
Triq San Ġużepp (kisi mill-ġdid),
Capstan proposta f'Dawret ix-Xatt,
Xogħlijiet ta' pavimentar fi Triq il-Ħabs l-Antik.

Avviż Nru. EMB-4. Xogħlijiet ta' Tisbiħ f'Misraħ Andrea Debono.

Kopji ta' dokumenti flimkien ma' dritt ta' ħlas ta' Lm25 għal kull dokument, jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 197, Triq San Ġużepp, Isla.

L-offerti mibgħuta jinfetħu minnufih wara l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

ISLA LOCAL COUNCIL

The Isla Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received by not later than noon of Monday, 27th June, 2005, for:-

Advt. No. PR-4. Paving and resurfacing works around Senglea:

Triq iż-Żewġ Mini (resurfacing and paving),
Triq San Ġużepp (resurfacing),
Proposed capstan at Dawret ix-Xatt,
Paving works at Triq il-Ħabs l-Antik.

Advt. No. EMB-4. Embellishment works at Misraħ Andrea Debono.

Copies of tender documents together with a payment of Lm25 for each document, can be obtained from the Council's Administrative Office, 197, Triq San Ġużepp, Senglea.

Tenders submitted will be opened immediately after closing time.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

17th June, 2005

KUNSILL LOKALI FGURA

Il-Kunsill Lokali Fgura jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju 2005 fil-kaxxi ta' l-offerta approprjati fl-uffiċċju tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. OTR-17-05. Servizzi *outreach.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15.

Avviż Nru. RMP-17-05. Żebgħa biex timmarka t-triq.

FGURA LOCAL COUNCIL

The Fgura Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the appropriate tender boxes at the Council's office up to noon of Friday, 1st July 2005, for:-

Advt. No. OTR-17-05. Outreach services.

A fee of Lm15 is to be paid.

Advt. No. RMP-17-05. Roadmarking paint.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15.

Id-dokumenti tal-kuntratt jistgħu jinxtraw mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Fgura għar-rati msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta l-aktar offerta vantaġġjuża.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

KUNSILL LOKALI FGURA

Il-Kunsill Lokali Fgura jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju 2005, jinlaqgħu offerti magħluqin skond il-proċeduri tal-Kunsill KLP 1/96 (P1. 15a u b) għandhom jiġu depożitati fil-kaxxi ta' l-offerta apposta, għal:-

Avviż Nru. INS-17-05. *Insurance cover*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Insurance coverage huwa għal perjodu ta' sena li jista' jiġi estiż sa massimu ta' tliet snin fuq bażi ta' kull sena fid-diskrezzjoni tal-Kunsill.

Kopja ta' dawn il-proċeduri u *statements* finanzjarji għas-sena 2004-05 jistgħu jinxtraw mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Fgura bir-rata indikata hawn fuq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

KUNSILL LOKALI DINGLI

Il-Kunsill Lokali Dingli jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. DLC 04/05. Provvista u tqegħid ta' *passenger lift*.

Id-dokumenti relattivi jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 2, Misraħ Ġużè Abela, Ħad-Dingli (Tel: 21456060) bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m. għall-ħlas ta' Lm30 kull kopja.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

A fee of Lm15 is to be paid.

Contract documents can be purchased from the Fgura Local Council's office at the rates indicated above.

The Council reserves the right to refuse the most advantageous offer.

17th June, 2005

FGURA LOCAL COUNCIL

The Fgura Local Council notifies that:-

Sealed offers in line with the Council procedures KLP 1/96 (P1. 15a and b) shall be deposited in the appropriate tender boxes at the Council's office by not later than noon of Friday, 1st July 2005, for:

Advt. No. INS-17-05. Insurance cover.

A fee of Lm5 is to be paid for each copy of tender document.

Insurance coverage is for a period of one year which could be extended up to a maximum of three years on a yearly basis at the Council's discretion.

A copy of these procedures and financial statements for the year 2004-05 can be purchased from the Fgura Local Council's office at the rate indicated above.

The Council reserves the right to refuse the most advantageous offer.

17th June, 2005

DINGLI LOCAL COUNCIL

The Dingli Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 1st July 2005, for:

Advt. No. DLC 04/05. Supply and laying of passenger lift.

Relative documents can be obtained from the Local Council's Office, 2, Misraħ Ġużè Abela, Dingli (Tel: 21456060) between 8.00 a.m. and 11.00 a.m. at a fee of Lm30.

The Council reserves the right to refuse the most advantageous offer.

17th June, 2005

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Żurrieq jgħarraf illi:-

Sa l-4.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Lulju 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. EU67/01/05. Ko-ordinatur għall-Proġetti ta' l-UE.

Għandu dritt ta' ħlas ta' Lm10.

Avviż Nru. RM67/02/05. Manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku.

Għandu dritt ta' ħlas ta' Lm10.

Avviż Nru. KN67/03/05. Stampar tal-pubblikazzjoni "Kunsill News".

Għandu dritt ta' ħlas ta' Lm10.

Avviż Nru. PKT67/04/05. Rijabilitazzjoni ta' Triq il-Karmnu u Triq it-Tjieba.

Għandu dritt ta' ħlas ta' Lm25.

Kopja tad-dokumenti jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Żurrieq, 'Ċentru tal-Komunità Joe Cassar', Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, iż-Żurrieq ŻRQ 02.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

ZURRIEQ LOCAL COUNCIL

The Executive Secretary of the Żurrieq Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 4.00 p.m. of Friday, 8th July 2005, for:

Advt. No. EU67/01/05. Co-ordinator for Projects of UE.

A fee of Lm10 is to be paid.

Advt. No. RM67/02/05. Maintenance of traffic signs.

A fee of Lm10 is to be paid.

Advt. No. KN67/03/05. Printing of publication "Kunsill News".

A fee of Lm10 is to be paid.

Advt. No. PKT67/04/05. Rehabilitation of Triq il-Karmnu and Triq it-Tjieba.

A fee of Lm25 is to be paid.

A copy of tender documents may be obtained from the office of the Żurrieq Local Council, 'Ċentru tal-Komunità Joe Cassar', Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, Żurrieq ŻRQ 02.

17th June, 2005

KUMITAT KONĠUNT TRAMUNTANA

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur, il-Mellieħa, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar qed jagħmlu sejħa għall-offerti magħluqin għal servizz klerikali fit-Tribunal Lokali Mosta (Avviż Nru. 04/05).

Dawk il-persuni/kumpaniji nteressati li jipprovdu dan is-servizz għandhom jiksbu d-dokument ta' l-offerta mill-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-Uffiċjal Awtorizzat, Tribunal Lokali, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta bi ħlas ta' Lm5.

L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-Uffiċjal Awtorizzat sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-18 ta' Lulju, 2005.

Il-Kumitat Konġunt Tramuntana jirriżerva d-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta li tidher vantaġġjuża.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

LOCAL COUNCILS JOINT COMMITTEE NORTH

The Għargħur, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar and San Pawl il-Baħar Local Councils are issuing a call for sealed tenders for clerical service at the Mosta Local Tribunal (Advt. No. 04/05).

Interested parties/companies in providing this service are to collect the tender documents from the Administrative Office of the Authorised Officer, Local Tribunal, Civic Centre, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta at a fee of Lm5.

Tenders are to be deposited in the tender box at the Administrative Office of the Authorised Officer by noon on Monday, 18th July, 2005.

The Joint Committee North reserves the right to refuse even the most seemingly advantageous offer.

17th June, 2005

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali Żebbuġ (Għawdex) jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-28 ta' Ġunju 2005 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. ZGLC 02/05-06. Provvista biss ta' lampi dekorattivi u dwal oħra.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokumenti ta' l-offerta.

Dokumenti ta' l-offerta u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Knisja, Żebbuġ, Għawdex. L-offerti jinfetħu quddiem il-pubbliku mad-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-data ta' l-għeluq ta' din l-offerta ġiet mibdula mill-11 ta' Lulju, 2005.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Żebbuġ (Gozo) Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council Administrative Office up to 10.00 a.m. of Tuesday, 28th June 2005, for:-

Advt. No. ZGLC 02/05-06. Supply only of decorative lamp-posts and luminaires.

A fee of Lm20 should be paid for each copy of tender documents.

Tender documents and further information may be obtained from the Council Administrative Office at Triq il-Knisja, Żebbuġ, Gozo. Offers will be opened at the time of the closing date in the presence of the public.

The Council reserves the right to reject any offer, even the most advantageous one.

The closing date of this tender has been changed from 11th July, 2005.

17th June, 2005

KUNSILL LOKALI KIRKOP

Il-Kunsill Lokali Kirkop jgħarraf illi:-

San-12.30 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. KLK CM2005. *Project management*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. KLK SC2005. *Cameras* tas-sigurtà.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Kirkop.

L-offerti jinfetħu minnufihkif jiskadi l-ħin ta' l-għeluq, u jinfetħu quddiem il-pubbliku preżenti.

Is-17 ta' Ġunju, 2005

KIRKOP LOCAL COUNCIL

The Kirkop Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 12.30 p.m. of Friday, 1st July 2005, for:-

Advt. No. KLK CM2005. Project management.

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. KLK SC2005. Security cameras.

A fee of Lm5 is to be paid for each copy of tender document.

Tender documents are available from the Kirkop Local Council's Administrative Offices.

All tenders will be opened in public immediately following the closing time.

17th June, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1267

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Mejju 2005, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni numru 509/04 TM, fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs Bianchi Mobili Ltd et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Lombard Bank Malta p.l.c. ippreżentaw Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-13 ta' Lulju 2004 kontra Bianchi Mobili Ltd bħala debitur prinċipali u Anthony u Angela konjugi Bianchi bħala garanti solidali, fejn talbu l-konvenuti għalhiex m'għandhomx minn din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet hawn fuq premessi:

1) jiġu kollha solidalment ikkundannati sabiex iħallsu lil Bank attur is-somma ta' tlettax-il elf ħamsa u ħamsin lira Maltija u disgħin ċenteżmi (Lm13,055.90) skond 'statement' hawn anness u mmarkat Dok 'A' bl-interessi kkalkolati sas-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004), oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mis-sebgħa (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, kollha inkluż il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra uffiċjali li ġġib id-data ta' l-4 ta' Diċembru 2003, tal-mandati ta' qbid u sekwestru kawtelatorji ppresentati kontestwalment ma' din il-kawża u bl-imgħaxijiet legali mis-7 ta' Lulju 2004, sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà konvenuta li d-diretturi tagħha huma minn issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom, u kontra l-konvenuti l-oħra li huma wkoll minn issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Konvenuti 1) Bianchi Mobili Ltd, 131/133, Pietà Sea Front, Pietà MSD 08.

2) Anthony u Angela konjugi Bianchi, Casa Bianchi, Triq il-Blanzuni, Ħ'Attard (2 notifiki).

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum 13 ta' Ġunju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Courts First Hall by means of a decree given on the 18th May 2005, in the records of the Writ of Summons number 509/04 TM, in the names Lombard Bank Malta plc vs Bianchi Mobili Ltd et ordered the following publication for the purpose of service of the defendants in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Lombard Bank Malta p.l.c. filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, on the 13th July 2004, against Bianchi Mobili Ltd as principal debtor and Anthony and Angela spouses Bianchi, as sureties in solidum whereby they asked the defendant why they should not by this Court for the reasons premised:

1) be all condemned in solidum to pay the plaintiff bank the sum of thirteen thousand and fifty five Maltese liri and ninety cents (Lm13,055.90) according to a 'statement' hereby attached and marked Doc 'A' with interest calculated till the sixth (6) of July of the year two thousand and four (2004), besides further interest from the seventh (7) July of the year two thousand and four (2004) till the date of effective payment.

With all costs including VAT on professional fees as well s those of the judicial letter which bears the date of the 4th December 2003, and of the precautionary warrants of seizure and garnishee filed together with this cause and legal interests from the 7th July 2004, till the date of effective payment against the defendant company whose directors are from now summoned so that a reference to their evidence be made and againt the other defendants who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Defendants 1) Bianchi Mobili Ltd, 131/133, Pietà Sea Front, Pietà MSD 08.

2) Anthony and Angela spouses Bianchi, Casa Bianchi, Blanzuni Street, Attard (2 services).

Registry of the Superior Courts, today 13th June 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1268

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' April, 2005 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 7 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-14 ta' Marzu, 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-propjetajiet hawn taħt deskritti.

1. Erba' partijiet minn sebgħa (4/7) tas-sehem indiviż tal-fond numru 41, Mtarfa Road, Imtarfa limiti tar-Rabat, stmat li jiswa interament Lm14000.00c0.

2. Erba' partijiet minn sebgħa (4/7) tas-sehem indiviż tal-fond numru 43, Mtarfa Road, Imtarfa limiti tar-Rabat, stmat li jiswa Lm10400.00c0.

3. Parti minn sebgħa (1/7) indiviżi tal-fond numru 42, Mtarfa Road, Imtarfa limiti tar-Rabat stmat li jiswa interament Lm41600.00c0.

L-imsemmija proprjetajiet tappartjeni lil Anna Pietrarossa.

L-imsemmija propjetajiet jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill- AIC Albert Borg Costanzi fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-3 ta' Jannar, 2001.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-8 ta' Ġunju, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on 14th April, 2005 on the application of Bank of Valletta plc.; Thursday 7th July, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 14th March, 2005 to be held in the CORRIDORS OF THESE COURTS of the following properties.

1. Four sevenths (4/7) undivided part of tenement numbered 41, Mtarfa Road, Mtarfa limits of Rabat, valued in totality Lm14000.00c0.

2. Four sevenths (4/7) undivided part of tenement numbered 43, Mtarfa Road, Mtarfa limits of Rabat, valued in totality Lm10400.00c0.

3. One seventh (1/7) undivided part of tenement numbered 42, Mtarfa Road, Mtarfa limits of Rabat, valued in totality Lm41600.00c0.

The said properties belong to Anna Pietrarossa.

N.B. The said properties will be sold as described in the report sworn by Albert Borg Costanzi A&CE on the 3rd January, 2001.

Registry of the Superior Courts, this 8th day of June, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1269

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April, 2005 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 7 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-blokk bini kummerċjali u uffiċini, fi stat ta' ġebel u saqaf, fi Triq Dawret il-Ħamrun, Ħal Qormi, stmat li jiswa Lm230,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Vincent Zahra.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Paul Micallef fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-25 ta' April, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-8 ta' Ġunju, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 28th April, 2005 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Thursday 7th July, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 15th March, 2005 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Shell-form commercial block and offices, in Triq Dawret il-Ħamrun, Qormi valued at Lm230,000.00c0.

The said property belongs to Vincent Zahra.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Paul Micallef A&CE on the 25th April, 2005.

Registry of the Superior Courts, this 8th day of June, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1270

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subbasta Numru 32/2003 fl-ismijiet:-

HSBC Bank Malta p.l.c.

vs

Anthony Mario Vella et

Imħallef: Onor Dott. Giannino Caruana Demajo, LL.D.

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tat-Tlieta 19 ta' April, 2005 favur ta' HSBC Bank Malta p.l.c. bil-prezz ta' Lm2,000.00c0 u Lm14,000.00c0 "Animo Compensandi" għall-propjetajiet hawn taħt imsemmija rispettivament, li jappartjenu lil Anthony Mario Vella u Carmen Vella, u cioé:

Il-garaxx bla numru magħruf bħala "Jonathan", fi Triq Tumas Fenech, Ħal Qormi, stmat li jiswa Lm7,500.00c0.

Il-mezzanin bla numru magħruf bħala "Walnut Grove", fi Triq Tumas Fenech, Ħal Qormi, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm25.00c0, stmat li jiswa Lm70,000.00c0.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Carmel Baldacchino kiser l-kwindena u offra Lm2,100.00c0 għall-ewwel propjetà fuq imsemmija u Vanessa Vella kisret l-kwindena u offriet Lm14,500.00c0 għat-tieni propjetà fuq imsemmija.

Tiddekreta u tagħżel għall-bejgħ bl-Irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-propjetà hawn fuq imsemmija, il-jum tat-Tlieta 12 ta' Lulju, 2005, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debituri eżekutati, il-liberitarju u dawk li offrew l-aħħar.

Illum, it-13 ta' Ġunju, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction No.: 32/2003 in the names:-

HSBC Bank Malta p.l.c.

vs

Anthony Mario Vella et

Honourable Dr Giannino Caruana Demajo, LL.D.

The Court,

Following the Adjudication of Tuesday 19th April, 2005 in favour of HSBC Bank Malta p.l.c. for the price of Lm2,000.00c0 and Lm14,000.00c0 "Animo Compensandi" respectively for the undermentioned properties which properties belong to Anthony Mario Vella and Carmen Vella, namely:

Unnumbered garage known as "Jonathan", in Tumas Fenech Street, Qormi, valued at Lm7,500.00c0.

Unnumbered maisonette known as "Walnut Grove", in Tumas Fenech Street, Qormi, being subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm25.00c0, valued at Lm70,000.00c0.

Whereas Carmel Baldacchino interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm2,100.00c0 for the first said property and Vanessa Vella interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm14,500.00c0 for the second said property.

The Court therefore decrees and appoints Tuesday the 12th day of July, 2005, between 9.00 a.m. and noon as the date for the Final Sale by Auction of the aforementioned immovables, which sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the debtors, the execution creditor, the purchaser and the last bidders.

Today, the 13th day of June, 2005

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1271

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat- 22 ta' April, 2005 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' April, 2005 fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA P.L.C. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta 28 ta' Ġunju, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-27 ta' Frar, 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-penthouse bl-arja sovrastanti, formanti parti minn blokk ta' appartamenti jismu "Fawwara Buildings", fi Triq Ġuże Fava, Tas-Sliema, stmata li tiswa Lm475,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Joecar Limited.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Albert Fenech fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-10 ta' Lulju, 2003.

Reġistru tal- Qorti Superjuri, illum it-8 ta' Ġunju, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 22nd April, 2005 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on the 14th April, 2005 on the application of BANK OF VALLETTA P.L.C., Tuesday 28th June, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 27th February, 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Penthouse with its airspace, forming part of a block of apartments known as "Fawwara Buildings", Ġuże Fava Street, Sliema, valued at Lm475,000.00c0.

The said tenement is the property of Joecar Limited.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Albert Fenech A&CE on the 10th July, 2003.

Registry of the Superior Courts, today the 8th day of June, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1272

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Diċembru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Eurochange Company Limited vs Diane Willie, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fil-5 ta' Mejju 2004, lil Diane Willie (26, De Rohan, St. George's Park, St. Julians), is-soċjetà Eurochange Company Limited (Flat 1, Block A, Paceville Court, Ball Street, St. Julians STJ 06) interpellat lill-intimata sabiex fi żmien jumejn thallas id-debitu pendenti li jammonta għas-somma ta' ħames mija u tletin Lira Maltija (Lm530.00) rappreżentanti ċekk iffirmat minnek f'Novembru tas-sena 2000, lis-soċjetà mittenti għas-somma msemmija u li għadu ma jistax jissarraf minkejja d-diversi interpellanzi ta' l-istess soċjetà

Fin-nuqqas kun avzata li minħajr ebda pre-avviż ieħor se jiġu istitwiti proċeduri legali kontra tiegħek.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek u ma tinkorriex spejjeż inutili.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 17th December 2004, in the records of the judicial letter in the names Eurochange Company Limited vs Diane Willie ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter, filed in the Court of Magistrates(Malta), on the 5 th May 2004, against Diane Willie (26, De Rohan , St. George's Park, St. Julians), the company Eurochange Company Limited (Flat 1, Block A, Paceville Court, Ball Street, St. Julians STJ 06) called upon the respondent so that within two days she pays the pending debt which amounts to five hundred and thirty Maltese Liri (Lm530.00) representing a cheque signed by her in November of the year 2000, in favour of the interpellant company for the sum mentioned and which cannot be cashed despite of the various callings of the same company.

Failing which be informed that without any other prior notice legal proceedings will be instituted against you.

So much so that you may know how to proceed and avoid useless expenses.

Bl-ispejjeż u bl-interessi.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 13 ta' Ġunju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interests.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th June 2005.

ADV. DR.FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar. Civil Courts and Tribunals

1273

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' April 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn that għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) ta' 116 Triq l-Arċisqof, Valletta, ippreżentaw talba fid-29 ta' Lulju 2004, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Mario Schembri (ID 244469(M)) ta' Samara Court, Flat 24, Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbat elef mija u tlieta u sebgħin lira Maltija u sitta u disgħin ċenteżmu (Lm4,173.96) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 407/04SM) hija differita għat-28 ta' Ġunju 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 13 ta' Ġunju 2005

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 29th April 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) of 116 Triq l-Arcisqof, Valletta, filed a Claim on the 29th July 2004, whereby they asked the Court to condemn Mario Schembri (ID 244469(M)) of Samara Court, Flat 24, Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of four thousand one hundred and seventy three Maltese liri and ninty six cents (Lm4,173.96) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Notice Number 407/04 SM) is put off to the 28th June 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th June 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1274

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-21 ta' April 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fil-25 ta' Ġunju 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Ivan Lanzon Millar ta' 109A, Flat 2, Triq Viani, Tas-Sliema, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u sebgħa u sebgħin lira Maltija u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm377.25) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Nru 1341/04 PBC) hija differita għat-23 ta' Ġunju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 13 ta' Ġunju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 21st April 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 25th June 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Ivan Lanzon Millar of 109A, Flat 2, Triq Viani, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and seventy seven Maltese liri and twenty five cents (Lm377.25) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The cause (Claim Number 1341/04PBC) is put off to the 23rd June 2005 at 12.30p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th June 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1275

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Marzu, 2005 fuq rikors ta' Joseph Micallef et. ġie ffissat il-jum tat- Tlieta 5 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-17 ta' Frar, 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-propjetajiet hawn taħt deskritti.

Il-porzjoni diviża ta' art numerata 9, tal-kejl superfiċjali ta' circa 126 metru kwadru, formanti parti mit-territorju magħruf bħala "Ta' San Pawl" sive "Tax-Xlendi" sive "Ta' l-Infetti, fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, stmata li tiswa Lm67,742.00c0.

Il-porzjoni diviża ta' art numerata 10, tal-kejl superfiċjali ta' circa 126 metru kwadru, formanti parti mit-territorju magħruf bħala "Ta' San Pawl" sive "Tax-Xlendi" sive "Ta' l-Infetti, fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, stmata li tiswa Lm64,355.00c0.

Il-porzjoni diviża ta' art numerata 11, tal-kejl superfiċjali ta' circa 126 metru kwadru, formanti parti mit-territorju magħruf bħala "Ta' San Pawl" sive "Tax-Xlendi" sive "Ta' l-Infetti, fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, stmata li tiswa Lm62,323.00c0.

L-imsemmija propjetajiet jappartjenu lil Kevin Zammit u Wanapp Company Limited.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Renato La Ferla fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-22 ta' Marzu, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum id-9 ta' Ġunju, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 30th March, 2005 on the application of Joseph Micallef et.; Tuesday 5th July, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 17th February, 2005 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Divided plot of land marked with number 9, measuring superficially 126 square metres, forming part of lands known as "Ta' San Pawl" sive "Tax-Xlendi" sive "Ta' l-Infetti", in Mdina Road, Żebbuġ, valued at Lm67,742.00c0.

Divided plot of land marked with number 10, measuring superficially 126 square metres, forming part of lands known as "Ta' San Pawl" sive "Tax-Xlendi" sive "Ta' l-Infetti", in Mdina Road, Żebbuġ, valued at Lm64,355.00c0.

Divided plot of land marked with number 11, measuring superficially 126 square metres, forming part of lands known as "Ta' San Pawl" sive "Tax-Xlendi" sive "Ta' l-Infetti", in Mdina Road, Żebbuġ, valued at Lm62,323.00c0.

The said property belongs to Kevin Zammit and Wanapp Company Limited.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Renato La Ferla A&CE on the 22nd March, 2005.

Registry of the Superior Courts, this 9th day of June, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1276

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' April 2005, fl-atti ta' l-ittra uffi-ċjali fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Maria Grazia Cilia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

